

Brussell, 1 ta' Ottubru 2021
(OR. en)

11899/21

SOC 518
EMPL 376
ECOFIN 848
EDUC 297

NOTA

minn:	Il-Kumitat tal-Impjiegi
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Sfidi Ewlenin fil-Qasam tal-Impjiegi: Messaġġi ewlenin mill-EMCO bbażati fuq ir-Rapport Annwali dwar il-Prestazzjoni fil-Qasam tal-Impjiegi u l-Monitoraġġ tal-Prestazzjoni fil-Qasam tal-Impjiegi - Approvazzjoni

Id-delegazzjonijiet isibu meħmużin il-messaġġi ewlenin mill-Kumitat tal-Impjiegi (EMCO) bbażati fuq ir-Rapport Annwali dwar il-Prestazzjoni fil-Qasam tal-Impjiegi (AEPR) u l-Monitoraġġ tal-Prestazzjoni fil-Qasam tal-Impjiegi (MPI), bil-ħsieb tal-approvazzjoni tagħhom mill-Kunsill (EPSCO) fil-15 ta' Ottubru 2021.

L-AEPR sħiħ jinsab fid-dokument: 11899/21 ADD 1.

L-MPI jinsab fid-dokument: 11899/21 ADD 2.

Sfidi Ewlenin fil-Qasam tal-Impjiegi: Messaġġi ewlenin mill-EMCO bbażati fuq ir-Rapport Annwali dwar il-Prestazzjoni fil-Qasam tal-Impjiegi tal-2021 u l-Monitoraġġ tal-Prestazzjoni fil-Qasam tal-Impjiegi

1. F'konformità mal-mandat tiegħu skont l-Artikolu 150 TFUE, il-Kumitat tal-Impjiegi pproduċa analiżi annwali tas-sitwazzjoni fir-rigward tal-impjiegi fl-UE għall-Kunsill. Din l-analiżi tinsab fil-Monitoraġġ tal-Prestazzjoni fil-Qasam tal-Impjiegi (MPI) tal-2021, li jissorvelja l-progress li sar lejn il-miri tal-Istrateġija Ewropa 2020 u jidentifika l-isfidi ewlenin fil-qasam tal-impjiegi u r-riżultati tajba miksuba fis-suq tax-xogħol fl-UE kollha u f'kull Stat Membru. L-MPI jibni fuq is-sejbiet tal-Qafas għall-Evalwazzjoni Konġunta (QEK) ta' Ewropa 2021. Il-QEK huwa sistema ta' valutazzjoni bbażata fuq indikaturi, imħejji b'mod konġunt mill-Kumitat tal-Impjiegi, il-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali (KPS) u l-Kummissjoni, li jkopri l-oqsma ta' politika ġenerali u speċifiċi skont il-Linji Gwida dwar l-Impjiegi u għandu l-għan li jagħti ħarsa ġenerali lejn l-isfidi ewlenin u r-riżultati tajba fis-suq tax-xogħol f'dawn l-oqsma u jappoġġa lill-Istati Membri biex jstabilixxu l-prijoritajiet tagħhom.
2. Is-sejbiet ewlenin tal-MPI tal-2021 huma miġbura fil-qosor fir-Rapport Annwali dwar il-Prestazzjoni fil-Qasam tal-Impjiegi (AEPR) tal-2021. Dawn jikkomplementaw il-konklużjonijiet tas-sorveljanza multilaterali tal-Kumitat tal-Impjiegi fuq l-implimentazzjoni tar-Rakkomandazzjonijiet tal-Kunsill fil-qafas tas-Semestru Ewropew. Is-sejbiet tal-MPI tal-2021 jirriflettu l-impatt profond tal-pandemija tal-COVID-19 fuq is-suq tax-xogħol.

3. Il-kriżi poġġiet is-sistemi tas-saħħa tal-Istati Membri taħt stress bla preċedent filwaqt li l-miżuri ta' tbeġħid soċjali relatati affettwaw b'mod sever il-produzzjoni, il-konsum u l-investment. Għall-2020 b'mod ġenerali, il-PDG fl-UE naqas b'6 % meta mqabbel mas-sena ta' qabel. It-Tbassir Ekonomiku interim tas-Sajf 2021 jipprevedi li l-ekonomija tal-UE għandha tespandi b'4.8 % fl-2021 u b'4.4 % fl-2022. Wara li żdiedet minn 6.7 % fl-2019 għal 7.1 % fl-2020, ir-rata tal-qgħad hija pproġettata li tkompli tiżdied għal 7.6 % fl-2021 (qabel ma tonqos għal 7 % fl-2022)¹. Il-mod kif l-Istati Membri ser joħorġu mill-kriżi aktarx ma jkunx uniformi u b'hekk jimmina l-isforzi tal-passat għal konverġenza 'l fuq. Għal irkupru sostenibbli u inklużiv huwa kruċjali li jiġu indirizzati l-isfidi ġenerati.
4. Fl-għaxar snin preċedenti, l-UE rat tkabbir robust fl-impjiegi. Mill-adozzjoni tal-istrateġija UE 2020 fl-2010 'l hawn, ir-rata tal-impjiegi tal-UE27 (20-64) kibret b'massimu ta' 5.3 punti perċentwali (minn 67.9 % fl-2010 għal 73.2 % fl-2019), bl-aktar tkabbir persistenti jseħħ wara l-2015. Fl-2019, l-impjiegi fl-UE kienu laħqu livelli rekord ġodda. Il-pandemija waqqfet dan it-titjib. Fl-2020, ir-rata tal-impjiegi naqset għal 72.5 % (78 % għall-irġiel u 66.9 % għan-nisa). Ġie osservat tnaqqis fir-rata tal-impjiegi fl-Istati Membri kollha tal-UE minbarra tlieta. Fl-2020 ħmistax-il Stat Membru tal-UE kienu laħqu jew qabżu l-miri nazzjonali tagħhom ta' Ewropa 2020, filwaqt li tnax kienu għadhom taħt il-miri nazzjonali tagħhom. Fir-rigward tal-futur, il-Pjan ta' Azzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali jistabbilixxi l-mira tar-rata tal-impjiegi tal-UE għall-2030 għal mill-inqas 78 %. Din il-mira ntlagħhet mill-Kunsill Ewropew fil-25 ta' Ġunju 2021, f'konformità mad-Dikjarazzjoni ta' Porto².

¹ Skont it-Tbassir Ekonomiku tar-Rebbiegħa 2021 (innota li t-Tbassir Ekonomiku interim tas-Sajf ma fihx informazzjoni dwar il-qgħad).

² <https://www.consilium.europa.eu/media/50763/2425-06-21-euco-conclusions-en.pdf>

5. L-azzjoni politika li tindirizza l-konsegwenzi tal-pandemija kienet rapida, b'miżuri bħal skemi tax-xogħol b'ħinijiet iqsar għall-impjegati, sussidji tal-introjtu għal min jaħdem għal rasu kif ukoll miżuri ta' likwidità għall-kumpanniji, meħuda biex jillimitaw it-telf tal-impjiegi matul perijodi ta' konfinament. B'riżultat ta' dan, ir-rata ta' impjieg tal-UE ma wrietx tnaqqis drammatiku, filwaqt li r-rata tal-qgħad irreġistrat biss żieda modesta. Madankollu, l-impatt tal-pandemija fl-2020 huwa rifless fid-deterjorament (u l-volatilità) ta' indikaturi oħra bħal sigħat totali maħduma, assenzi mix-xogħol u miżuri ta' laxkezza fis-suq tax-xogħol.
6. Il-monitoraġġ jenfasizza għadd ta' xejriet negattivi (2019-2020): żieda fil-kost nominali ta' unità lavorattiva (24 Stat Membru); deterjorament fis-sehem tal-impjegati ġodda (21 Stat Membru); tnaqqis fl-impjiegi totali (20 Stat Membru) u deterjorament fis-sehem tal-popolazzjoni adulta li qed tipparteċipa fl-edukazzjoni u t-taħriġ (19-il Stat Membru). Barra minn hekk, l-isfidi ewlenin tal-impjiegi huma identifikati fl-oqsma tal-ħiliet u t-tagħlim tul il-ħajja, il-parteċipazzjoni fis-suq tax-xogħol, is-sistemi tas-sigurtà soċjali, is-sistemi tal-edukazzjoni u t-taħriġ u l-ugwaljanza bejn il-ġeneri.
7. Madankollu, l-MPI jidentifika wkoll xi xejriet pożittivi għall-perijodu 2019-2020. B'mod partikolari, ħmistax-il Stat Membru raw żieda sinifikanti fis-sehem ta' adulti b'edukazzjoni medja jew għolja. Barra minn hekk, ir-rata ta' impjieg temporanju involontarju naqset f'10 Stati Membri u disa' Stati Membri raw tnaqqis fid-differenza bejn il-pagi tal-irġiel u n-nisa.
8. Fl-opinjoni orizzontali tiegħu dwar is-Semestru Ewropew għall-Kunsill EPSCO ta' Ġunju 2021, l-EMCO osserva li l-kriżi tal-COVID-19 kienet teħtieġ miżuri straordinarji, li rriżultaw fl-istabbiliment tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza (RRF) – strument ta' finanzjament mingħajr preċedent għall-investment u r-riformi maħsub biex itaffi l-impatt ekonomiku u soċjali tal-kriżi u biex jiġi appoġġat irkupru ekonomiku inklużiv u sostenibbli kif ukoll tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali ġusti.

9. L-opinjoni orizzontali tinnota wkoll li s-Semestru Ewropew jibqa' għodda ta' koordinazzjoni effettiva għat-trawwim ta' tkabbir ekonomiku sostenibbli u inklużiv, il-kompetittività, l-impjiegi, u għal protezzjoni soċjali u inklużjoni soċjali adegwati, speċjalment waqt il-kriżi attwali. Fir-rigward tal-aġġustamenti proċedurali relatati maċ-ċiklu tas-Semestru 2021, il-Membri tal-Kumitat huma tal-fehma li l-bidliet li tat bidu għalihom l-RRF kienu ġustifikati billi l-fokus kien fuq risponsi u riformi urġenti ta' politika kontra l-kriżi. L-EMCO huwa tal-fehma li dawn l-aġġustamenti għandhom jibqgħu temporanji. Hemm appoġġ qawwi fost il-Membri tal-Kumitat għal ritorn f'waqtu għal proċess komprensiv tas-Semestru, diġà fiċ-ċiklu li jmiss. L-isforzi biex jiġu ssimplifikati u ottimizzati ċ-ċikli futuri tas-Semestru għandhom jinkludu djalogu mal-Istati Membri u diskussjoni xierqa fil-formazzjonijiet rilevanti tal-Kunsill u l-korpi konsultattivi tagħhom.
10. L-EMCO jilqa' l-miri ewlenin tal-UE għall-2030 tal-Pjan ta' Azzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali (EPSR AP) u l-enfasi fuq is-Semestru Ewropew bħala għodda ta' monitoraġġ ewlenija. Il-miri ewlenin il-ġodda tal-UE għall-2030 fl-oqsma tal-impjiegi, il-ħiliet u l-politika soċjali ppreżentati fil-Pjan u milqugħin mill-Kunsill Ewropew, iwieġbu għas-sejħa tal-EMCO u l-KPS u tal-Ministri tal-EPSCO għal segwitu għall-Istrateġija Ewropa 2020³. Il-miri għandhom jiġu integrati bis-sħiħ fis-Semestru Ewropew, abbażi tal-esperjenza mal-Istrateġija Ewropa 2020. Bl-istess mod l-EMCO jappoġġa l-oġġettiv li fl-Unjoni kollha jitjiebu l-monitoraġġ u l-valutazzjoni tas-sitwazzjoni tal-impjiegi u dik soċjali li jirfdu t-Tabella ta' Valutazzjoni Soċjali riveduta. Għal dan il-għan, l-EMCO qabel mal-inklużjoni ta' indikaturi ewlenin ġodda magħżula, proposti mill-Kummissjoni, fit-Tabella ta' Valutazzjoni Soċjali⁴.

³ L-Istati Membri huma mitluba wkoll jistabbilixxu miri nazzjonali ambizzjużi li jikkostitwixxu kontribut adegwat għall-kisba tal-miri ewlenin tal-UE, b'kont debitu meħud tal-pożizzjoni tal-bidu ta' kull pajjiż

⁴ Dawn għandhom jintużaw fir-Rapport Konġunt dwar l-Impjiegi, filwaqt li jitqiesu l-kjarifiki meħtieġa dwar id-definizzjonijiet u l-użu tagħhom kif dettaljat fl-anness għall-*Opinjoni tal-EMCO u l-KPS dwar il-proposta tal-Kummissjoni għal Tabella ta' Valutazzjoni Soċjali Riveduta*, li ġiet approvata mill-EPSCO fl-14 ta' Ġunju.

11. Minkejja l-adattamenti għas-Semestru Ewropew tal-2021, l-EMCO kompli jimmonitorja l-isforzi tal-Istati Membri biex jindirizzaw ir-Rakkomandazzjonijiet Speċifiċi għall-Pajjiżi tal-2019 u l-2020 rilevanti. Ir-rieżamijiet imwettqa mill-EMCO juru li t-tifqigħa tal-pandemija ġiegħlet lill-Istati Membri jiffukaw l-isforzi tagħhom fuq il-mitigazzjoni tal-impatt tal-kriżi fuq il-ħaddiema, l-unitajiet domestiċi u n-negozji. L-iskemi ta' xogħol b'ħinijiet iqsar u sussidji tal-pagi ntużaw l-aktar biex jappoġġaw iż-żamma tal-impjiegi, f'xi każijiet ibbażati fuq strumenti eżistenti – iżda estiżi u/jew adattati – f'oħrajn bl-introduzzjoni ta' miżuri ġodda. Ingħataw diversi forom ta' assistenza finanzjarja b'mod partikolari lil dawk li jaħdmu għal rashom jew lil dawk b'kuntratti atipiċi, inklużi ħaddiema staġjonali, u gruppi vulnerabbli oħra (biż-żgħażaġh u n-nisa tipikament rappreżentati żżejjed fost dawk b'kuntratti b'terminu fiss). L-appoġġ f'waqtu kellu rwol kruċjali fil-mitigazzjoni tal-impatt ġenerali tal-kriżi fuq il-livelli tal-impjiegi, filwaqt li jiżgura ż-żamma tal-impjiegi u jqiegħed il-pedamenti għall-ġestjoni tat-tranżizzjonijiet tal-impjiegi.
12. L-Istati Membri saħħew il-politiki attivi tas-suq tax-xogħol (ALMPs), b'mod partikolari fir-rigward tat-taħriġ u l-konsulenza għal persuni li qed ifittxu impjieg u għall-ħaddiema friskju għoli li jutilfu l-impjieg tagħhom. Ġew implimentati korsijiet ta' taġlim mill-bogħod, titjib tal-ħiliet u taħriġ mill-ġdid u taħriġ diġitali bil-ħsieb li jiġu appoġġati kemm il-ħaddiema kif ukoll dawk li qed ifittxu impjieg. Barra minn hekk, saru sforzi biex jiżdied il-persunal u jittejjeb it-tagħmir teknoloġiku tas-servizzi pubbliċi tal-impjiegi (PES), inkluż billi jsir investiment fid-diġitalizzazzjoni tas-servizzi sabiex tiżdied il-kapaċità tagħhom u tiġi żgurata l-kontinwità matul il-pandemija u warajha. L-Istati Membri spiss applikaw ukoll arranġamenti ta' xogħol flessibbli inkluż it-telexogħol.
13. Fl-istess ħin, l-Istati Membri jimmiraw li jiffaċilitaw ir-riallokazzjoni tal-ħaddiema fis-suq tax-xogħol, b'attenzjoni partikolari għall-prospetti ta' impjieg ta' dawk il-gruppi l-aktar milquta mill-kriżi, b'mod partikolari ż-żgħażaġh, in-nisa, il-persuni b'diżabilità kif ukoll il-persuni li ġejjin minn kuntest ta' migrazzjoni. Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni dwar Appoġġ Attiv Effettiv għall-Impjiegi (EASE) wara l-kriżi tal-COVID-19 tappoġġa dawn l-isforzi billi tiddeskrivi approċċ strateġiku għall-promozzjoni tal-ħolqien tal-impjiegi u t-tranżizzjonijiet minn impjieg għal impjieg, inkluż lejn is-setturi diġitali u ekoloġiċi.

14. Fl-istess waqt, f'għadd ta' Stati Membri għad fadal sfidi importanti rigward il-kapaċità u l-organizzazzjoni tal-PES; l-aċċess tal-persuni li qed ifittxu impjieg għall-ALMPs; appoġġ effettiv u mmirat għal dawk li qed ifittxu impjieg, għan-NEETs u għal gruppi vulnerabbli oħra; u t-tneħħija tal-ostakli għall-parteċipazzjoni fis-suq tax-xogħol.
15. Il-kriżi affettwat b'mod negattiv l-integrazzjoni tal-persuni qiegħda fit-tul fis-suq tax-xogħol, peress li kellha impatt fuq l-aċċess u d-disponibbiltà ta' konsulenza individwalizzata jew it-tfassil ta' profili, kif ukoll ir-reġistrazzjoni u l-forniment ta' servizzi integrati. Minħabba kunsiderazzjonijiet ta' saħħa u sikurezza, ħafna Stati Membri għamlu sforzi biex jaqilbu għal servizzi online. Madankollu, din il-bidla diġitali kellha riżultati mħallta, parzjalment minħabba l-aċċess inugwali għal tali servizzi fost il-persuni li ilhom qiegħda u dawk inattivi, b'mod partikolari dawk b'inqas ħiliet fl-ICT.
16. Fir-rigward tas-sitwazzjoni tan-nisa fis-suq tax-xogħol, għadd ta' Stati Membri jikkondividu sensiela ta' sfidi ta' politika komuni, speċjalment fir-rigward tad-diskrepanza persistenti fl-impjiegi, is-sehem għoli ta' impjiegi part-time tan-nisa, id-differenzi bejn il-pagi u l-pensjonijiet tal-irġiel u n-nisa u d-dimensjoni qawwija bejn is-sessi fis-settur tal-kura fit-tul. Bil-għan li jissaħħu l-opportunitajiet tan-nisa fis-suq tax-xogħol, l-Istati Membri investew fl-educazzjoni u l-kura bikrija tat-tfal (ECEC), bil-ħsieb li jissaħħu kemm id-disponibbiltà kif ukoll il-kwalità tas-servizzi. F'dan il-kuntest, il-koordinazzjoni bejn il-livelli differenti tal-gvern tista' tkun rilevanti biex tiġi żgurata d-disponibbiltà tas-servizzi. Barra minn hekk, xi Stati Membri riformaw il-liv u l-benefiċċji tal-ġenituri, kif ukoll estendew il-benefiċċji tal-paternità biex itejbu l-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata.

17. L-isfidi relatati mas-segmentazzjoni tas-suq tax-xogħol jibqgħu ta' rilevanza strutturali. Il-pandemija enfasizzat il-vulnerabbiltajiet preeżistenti, bil-qerda tal-impjiegi kkonċentrata l-aktar f'setturi fejn il-forom ta' impjieg inqas siguri huma prevalenti (inkluż l-impjieg indipendenti), u biż-żgħażaġh u l-gruppi vulnerabbli affettwati b'mod sproporzjonat. Qabel il-kriżi tal-COVID-19, twettqu għadd ta' riformi biex tiġi indirizzata s-segmentazzjoni tas-suq tax-xogħol, bil-pandemija f'xi każijiet tnaqqas b'mod sinifikanti l-pass tal-implimentazzjoni tagħhom. F'ħafna Stati Membri, l-azzjoni tal-ispettorati tax-xogħol, kif ukoll il-miżuri biex tissaħħaħ il-kapaċità tagħhom, huma elementi ewlenin biex titnaqqas is-segmentazzjoni tas-suq tax-xogħol. Għal dan il-għan, politiki li joffru inċentivi bħal sussidji għar-reklutaġġ kif ukoll miżuri ta' infurzar fil-forma ta' multi jistgħu jiġu kkombinati b'mod effettiv. Ir-rieżami tal-leġiżlazzjoni dwar il-protezzjoni tal-impjiegi u l-lakuni regolatorji biex tiġi indirizzata s-segmentazzjoni jibqa' importanti. Fl-istess ħin, iż-żieda ta' forom ġodda ta' xogħol, b'mod partikolari x-xogħol fuq pjattaforma diġitali, ser teħtieġ aktar konsiderazzjoni fir-rigward tal-kundizzjonijiet tax-xogħol tal-ħaddiema kkonċernati.
18. Rigward it-tassazzjoni fuq ix-xogħol, sar progress biex jitnaqqas il-piż tat-taxxa fuq ix-xogħol, speċjalment għal dħul baxx u medju, prinċipalment permezz ta' miżuri ta' eżenzjoni mit-taxxa u tnaqqis fil-kontribuzzjonijiet soċjali. Madankollu għad hemm kwistjonijiet oħra relatati mas-sistema fiskali, b'mod partikolari lakuni jew ineffiċjenzi speċifiċi, kif ukoll diżinċentivi għax-xogħol għal ħaddiema li huma t-tieni sors ta' dħul f'koppja. Fir-rigward tax-xogħol mhux iddikjarat, ir-rilevanza ta' strateġiji multidimensjonali u r-rwol kruċjali tal-ispettorati tax-xogħol u l-kollaborazzjoni fost awtoritajiet differenti ġew identifikati bħala ewlenin.

19. L-investiment fit-titjib tal-ħiliet, l-edukazzjoni għall-adulti u t-tagħlim tul il-ħajja għadhom prijoritajiet ta' politika. Sabiex ilaħħqu mal-kriżi, diversi Stati Membri ddedikaw baġits addizzjonali biex isaħħu l-investimenti fl-edukazzjoni u l-ħiliet, speċjalment fil-ħiliet diġitali bażiċi, l-infrastruttura u s-soluzzjonijiet online bħall-pjattaformi diġitali. L-Istati Membri għandhom it-tendenza li jikkombinaw dan ir-rispons għall-pandemija tal-COVID-19 ma' perspettiva aktar fit-tul bil-għan li tappoġġa tranżizzjonijiet effettivi fis-suq tax-xogħol, filwaqt li jindirizzaw l-isfidi tat-tranżizzjonijiet diġitali u ekoloġiċi. Saru sforzi sinifikanti ta' investiment u riforma fil-livelli kollha tal-edukazzjoni – inkluż l-edukazzjoni u l-kura bikrija tat-tfal (ECEC), l-edukazzjoni ġenerali, l-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali inizjali u kontinwu (VET), l-edukazzjoni għolja u t-tagħlim għall-adulti. L-Istati Membri wettqu wkoll azzjonijiet sabiex jagħmlu s-sistemi tal-edukazzjoni u t-taħriġ aktar rilevanti għall-ħtiġijiet tas-suq tax-xogħol, jindirizzaw kwistjonijiet relatati mad-disparitajiet fl-edukazzjoni u jnaqqsu d-distakk diġitali.
20. Madankollu, il-progress lejn l-implimentazzjoni kemm tas-CSR tal-2019 kif ukoll tal-2020 mhuwiex uniformi. L-isfidi strutturali jibqgħu ta' tħassib kbir f'xi Stati Membri u jeħtieġu azzjoni ulterjuri, speċjalment fir-rigward ta': it-tluq bikri mill-iskola; l-eżiti tal-edukazzjoni fl-edukazzjoni ġenerali u l-VET (inkluż fir-rigward tar-rati ta' progress insuffiċjenti u r-riżultati tal-PISA); il-parteciġjazzjoni baxxa fit-tagħlim għall-adulti; in-nuqqas ta' kwalifiki tal-forza tax-xogħol; l-inugwaljanzi soċjali u territorjali fl-aċċess għall-edukazzjoni, it-taħriġ, il-ħiliet diġitali u l-infrastruttura. Il-kriżi tal-COVID-19 aggravat l-isfidi preeżistenti b'lockdowns kontinwi u miżuri ta' tbeġhid soċjali, filwaqt li aċċentwat kwistjonijiet relatati mal-qasma diġitali u aċċess inugwali għall-edukazzjoni u t-taħriġ. Ġiet enfasizzata s-sitwazzjoni diffiċli ta' gruppi vulnerabbli u żvantaġġati f'dan ir-rigward, kif ukoll l-isfidi li jiffaċċjaw il-persuni b'diżabilità fis-settur tal-edukazzjoni u fl-aċċess għas-suq tax-xogħol. Bħala rispons, l-Istati Membri diġà qed jużaw b'mod estensiv jew qed jippjanaw li jużaw, flimkien mal-finanzjament nazzjonali, il-fondi disponibbli tal-UE - b'mod partikolari l-Fond Soċjali Ewropew Plus u l-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza - sabiex iwettqu r-riformi rilevanti.

21. Kif enfasizzat mill-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, id-djalogu soċjali effettiv u l-konsultazzjoni tas-sħab soċjali dwar it-tfassil u l-implimentazzjoni tal-politiki, skont il-prattiki nazzjonali, huma kruċjali biex jinkisbu eżiti ta' politika validi u sostenibbli. Il-valutazzjoni tal-progress lejn l-implimentazzjoni tar-Rakkomandazzjonijiet Speċifiċi għall-Pajjiżi dwar id-djalogu soċjali wriet li, fl-Istati Membri kkonċernati, hemm fis-seħħ oqfsa rilevanti iżda huma meħtieġa aktar sforzi biex jiġi stabbilit l-involviment sinifikanti tas-sħab soċjali. Għad hemm tħassib sinifikanti fir-rigward tal-aspetti prattiċi tal-konsultazzjoni tas-sħab soċjali f'termini ta' trasparenza, puntwalità u sinifikat, kif ukoll fir-rigward tal-impatt reali tagħha fuq it-tfassil tal-politika. Ġew irrappurtati xi żviluppi inkoraġġanti, b'mod partikolari dwar l-involviment intensifikat tas-sħab soċjali fit-tfassil ta' miżuri kontra l-kriżi u fir-rigward tal-paga minima. It-tisħiħ tal-kapaċitajiet tas-sħab soċjali b'perspettiva aktar fit-tul jibqa' objettiv importanti.
